MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 49/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Teresa D'Amato**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Teresa D'Amato talli fil-5 ta' Novembru 2009 ghall-habta tat-8.09 a.m. fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, bhala bejjiegha fit-toroq:

(1) iggestiet xi attivita` kummercjali fi triq billi bieghet bl-imnut waqt li kienet wieqfa biex tbiegh meta ma kellhiex konsumaturi biex isservihom;

(2) kienet wieqfa, ipparkjata bil-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni FAS – 759, waqt li kienet qieghda

tiggestixxi xi attivita` kummercjali bil-bejgh bl-imnut f'distanza ta' inqas minn 50 metru mill-entratura ta' post kummercjali;

(3) ipparkjat il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni FAS – 759 biex tbiegh f'anqas minn 50 metru 'l boghod minn bejjiegh iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Jannar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Teresa D'Amato hatja u kkundannatha twissija u twiddiba;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Teresa D' Amato pprezentat fil-11 ta' Frar 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull piena u imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid fis-seduta tallum stess.

Mix-xiehda ta' Keith Caruana mit-*Trade Licensing Unit* jirrizulta li l-appellanti ghandha licenzja bhala *“hawker”* (ara fol. 4).

Mix-xiehda ta' l-appellanti jirrizulta illi fil-gurnata in kwistjoni hija kienet qed tbiegh il-hut fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun. Kuntrarjament ghal dak li qal P.S. Debattista fl-affidavit tieghu, l-appellanti tenniet li meta gew il-Pulizija hija kellha n-nies biex jixtru. Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra, ammettiet li kienet quddiem hanut (li dak il-hin kien maghluq) izda li kien hemm hwienet ohrajn li min ikun maghluq u min ikun qieghed jiftah (il-parti li kienet hi bejn il-Knisja ta' San Gejtanu u Pjazza Fra Diegu hi kollha hwienet fuq iz-zewg nahat tat-triq).

Ammettiet ukoll li kienet certa distanza minn *hawker* iehor u, mill-kalkoli li saru seduta stante, kien jidher car li d-distanza kienet ta' inqas minn hamsin metru.

F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellanti ghandha tinghata l-beneficcju tad-dubju fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni u b'hekk tigi lliberata minn dik l-imputazzjoni, filwaqt illi tigi kkonfermata l-htija ghaz-zewg imputazzjonijiet l-ohra. Kwantu ghall-piena, li hija diga` taht il-*minimum* stabbilit mil-ligi, tibqa' kif inhi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja ta' l-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjaraha mhux hatja ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberaha, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------